# Anness: Sejbiet ewlenin tar-Rapport tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-2014 fl-UE

## Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali tal-EASO għall-2014 jipprovdi dehra ġenerali komprensiva tan-numru u n-natura tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fit-28 Stati Membri tal-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera (UE+). Dan jeżamina x-xejriet tal-ażil, inklużi l-isfidi ewlenin u r-risponsi matul is-sena, l-iżviluppi istituzzjonali u legali kbar u jipprovdi dehra ġenerali tal-funzjonament prattiku tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (CEAS). L-Istati Membri, l-UNHCR, is-soċjetà ċivili, speċjalisti tal-informatika u uffiċjali fil-qasam jikkontribwixxu input.

## Punti ewlenin tar-rapport

- Fl-2014 kien hemm iktar minn 660 000 applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+, l-ogħla numru mill-bidu tal-ġbir ta' data fil-livell tal-UE fl-2008.
- L-ogħla numri ta' applikanti għall-ażil irrekordjati kienu ċittadini tas-Sirja, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent flimkien, u l-Eritrea. Il-pajjiżi riċevituri ewlenin kienu l-Ġermanja, l-Iżvezja, l-Italja, Franza u l-Ungerija
- Fl-aħħar tal-2014, iktar minn 500 000[1] persuna kienu qed jistennew deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom fl-UE+; il-volum tal-applikazzjonijiet pendenti żdied bi +37% meta mqabbel mal-2013.
- Il-kriżi li għaddejja bħalissa fis-Sirja kienet sfida ewlenija fl-UE+ fl-2014 hekk kif in-numru ta' applikazzjonijiet mis-Sirjani kien ta' aktar minn 128 000. Dan ta bidu għall-istabbiliment ta' miżuri speċjali f'termini ta' risistematizzazzjoni u ammissjoni umanitarja.
- L-Afganistan baqa' wieħed mill-pajjiżi ewlenin tal-oriġini tal-applikanti s-sena l-oħra; it-42 745 applikazzjoni għall-2014 jirrappreżentaw żieda ta' 53% meta mqabbel mal-2013. Dan kellu wkoll l-ogħla sehem ta' minorenni mhux akkumpanjati li applikaw għall-ażil fl-UE+ (6 155).
- In-numru ta' applikazzjonijiet minn ċittadini tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tela' għal 110 000 b'numru sinifikanti mis-Serbja u l-Kosovo.
- Kien hemm iktar minn 14 000 applikant mill-Ukraina, li kien żieda ta' 13-il darba iktar meta mqabbel mal-2013.
- L-2014 immarkat it-tnedija tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) għal 7 snin b'baġit ta' EUR 3.137 miljun sabiex jiġu appoġġati proġetti fl-Istati Membri.

## Żvilippi kbar fl-2014

### Il-kriżi tal-Mediterran

Aċċess għall-proċedura tal-ażil u l-ġestjoni ta' flussi migratorji kienu fuq quddiem nett tad-dibattitu politiku fl-2014 b'żieda sinifikanti ta' wasliet bil-baħar, li ħafna drabi wasslu għat-telf traġiku ta' ħajjiet fil-Mediterran. It-Task Force għall-Mediterran fittxet li titgħallem iktar dwar l-għeruq tal-problema u li ssib soluzzjonijiet li jindirizzawha. Sar ħafna enfasi fuq l-istadju inizjali tal-proċedura tal-ażil, inklużi l-proċess tal-applikazzjoni u tar-reġistrazzjoni, fejn għad fadal sfidi sinifikanti, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-UE+ li qed jaffaċċjaw żidiet sostanzjali u/jew f'daqqa fir-rigward ta' wasliet.

### Faċilitajiet ta' akkoljenza

Żieda fl-applikazzjonijiet għall-ażil fl-2014 wasslet għal skarsezza ta' akkomodazzjoni f'ħafna pajjiżi, fattur li enfasizza l-bżonn ta' flessibbiltà ikbar rigward il-faċilitajiet ta' akkoljenza. L-Istati Membri wieġbu billi ħolqu

[1] Iċ-ċifri jinkludu appelli

faċilitajiet ġodda u waqqfu wħud ta’ emerġenza. F’dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJUE) ikkjarifikat li l-benefiċċji finanzjarji mogħtija lill-applikanti għandhom jippermettlulhom li jsibu jekk ikun hemm bżonn, akkomodazzjoni privata għall-kiri. Ħafna pajjiżi tal-UE+ iddeċidew li jwessgħu l-aċċess għas-suq tax-xogħol sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jtejbu l-awtosostenibbiltà tagħhom. Ġew riveduti l-politiki ta’ detenzjoni f’ħafna Stati Membri b’xejra viżibbli lejn l-introduzzjoni ta’ alternattivi għad-detenzjoni.

## Żvilupp ta’ sistemi nazzjonali tal-ażil

Minħabba ż-żieda fl-applikazzjonijiet u l-każijiet pendenti, ħafna pajjiżi tal-UE+ irristrutturaw l-amministrazzjonijiet tal-ażil tagħhom, irreklutaw iktar persunal u rriorganizzaw il-kompiti u r-riżorsi. Ġew implimentati diversi miżuri sabiex tiġi stimulata l-effiċjenza u jkun hemm reazzjoni għall-pressjonijiet emerġenti b’mod flessibbli. Dawn jinkludu: pjanijiet ta’ kontinġenza definiti, l-użu ta’ proċeduri speċjali għal teħid ta’ deċiżjonijiet iktar mgħaġġel, reviżjonijiet ta’ listi nazzjonali ta’ pajjiżi siguri ta’ oriġini, prijoritizzazzjoni ta’ ċertu klassijiet ta’ każijiet ta’ ażil u soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda.

## Sostenn tal-EASO:

L-EASO kompla jipprovdi appoġġ operattiv għall-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija u Ċipru u mexxa b’suċċess proġetti ta’ pproċessar konġunt, li juri l-idoneità li jiġu mmobilizzati timijiet ta’ appoġġ għall-ipproċessar konġunt lill-Istati Membri, u proġett ma’ Malta u l-Italja dwar l-iffaċilitar tal-migranti irregolari. L-EASO ħarreġ iktar minn 2,800 uffiċjal tal-ażil u tal-akkoljenza. Barra minn dan, l-EASO organizza attivitajiet ta’ dimensjoni esterna ma’ numru ta’ stati inklużi t-Turkija, is-Serbja, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija. Barra minn dan, l-EASO nieda ġabra ġdida ta’ data statistika taħt is-Sistema ta' Twissija Bikrija u Tħejjija (EPS), li għaliha jikkontribwixxu l-istati tal-UE+ kollha fuq bażi ta' kull xahar, li jżidu l-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat. Analiżi mtejba hija inkluża fir-Rapport Annwali bbażat fuq din id-data ġdida.

## Kwistjonijiet legali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) iddeċidiet dwar aspetti importanti tal-protezzjoni sussidjarja (speċjalment il-kunċett ta’ kunflitt armat intern u każijiet ta’ kundizzjonijiet mediċi serji) u kkjarifikat kif l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jivvalutaw il-kredibbiltà tal-orjentazzjoni sesswali ddikjarata ta’ applikanti għall-ażil. Il-qrati u t-tribunali nazzjonali analizzaw numru ta’ kunċetti ewlenin relatati mal-ażil, bħall-persekuzzjoni abbażi ta’ reliġjon u l-użu ta’ diversi forom ta’ protezzjoni (l-istatus ta’ refuġjat u protezzjoni sussidjarja) ibbażat fuq ċirkostanzi individwali f’kull każ.

## Gruppi vulnerabbli

Is-sena l-oħra, iktar minn 24 000 persuna minorenni mhux akkumpanjati applikaw għall-protezzjoni internazzjonali. Pajjiżi tal-UE+ wegħdu li jindirizzaw is-sitwazzjoni serja ta’ gruppi vulnerabbli, bħal minorenni mhux akkumpanjati, persuni b’diżabbiltà, vittmi ta’ traffikar tal-bniedem, vjolenza u tortura u li jipprovdu servizzi ta’ proċedura tal-ażil speċjalizzati sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tagħhom

## Servizzi mtejba

B’konformità mal-bidliet reċenti fil-pakkett tal-UE dwar il-liġi tal-ażil, ħafna pajjiżi tal-UE+ irrevedew il-politiki tagħhom dwar assistenza legali, informazzjoni u interpretazzjoni sabiex jitjieb l-istandard ta’ dawn is-servizzi. Fl-2014, dawn l-oqsma ppreżentaw sfida speċjalment fl-isfond taż-żieda fid-domanda u ħafna drabi ġabra limitata ta’ riżorsi speċjalizzati.

## Komparabbiltà

Stati Membri differenti jirċievu flussi ferm differenti ta’ applikanti u għal raġunijiet differenti. Il-kapitolu tar-rapport dwar il-komparabbiltà nnota li fatturi bħall-preżenza tad-diaspora, ir-rata ta’ rikonoxximent, ir-rabtiet storiċi u lingwistiċi, il-benefiċċji pprovduti mill-Istati Membri u ż-żmien tal-ipproċessar, jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta’ dawk li jfittxu ażil li jagħżlu ċertu destinazzjonijiet minn oħrajn, iżda l-ebda wieħed minnhom ma jista’ jiġi kkunsidrat f’iżolament.

## Strateġija għall-futur

Fuq il-bażi tad-dibattitu fl-2014, ġew definiti direzzjonijiet ġodda mill-Kummissjoni għall-politika Ewropea dwar l-ażil fil-komunikazzjoni *l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni* (EAM) li ħarġet f’Mejju 2015. Ġiet proposta azzjoni immedjata sabiex jiġu salvati ħajjiet fuq il-baħar, jiġu miġġielda netwerks kriminali ta’ traffikar, ikun hemm rispons għall-volumi kbar ta’ wasliet fl-UE b’attivitajiet ta’ rilokazzjoni u l-iżvilupp ta’ approċċ komuni dwar ir-risistematizzazzjoni. L-EASO se jkollu rwol importanti f’numru ta’ dawn il-miżuri

inklużi dawk fil-qasam ta’ pproċessar konġunt ta’ applikazzjonijiet għall-ażil, il-ġlieda kontra netwerks ta' traffikar, ir-rilokazzjoni, ir-risistematizzazzjoni u l-akkoljenza.